MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-30 ta' Awwissu, 2012

Numru 874/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Pulis)**
**vs**
**Joseph Agius**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Joseph Agius**, bin Vincent u Mart nee' Tanti, mwieled Pieta' fl-10 t' April, 1978, residenti 'L'Amour Toujours', Triq il-Midra, Zurrieq u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 196878(M);

1. Talli fit-28 t'Awwissu, 2012 ghall-habta tal-22:00hrs, bla ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-provat li jarresta lill-hati, arrestajt, zammejt, issekwestrajt lil mara tieghek Claire Agius kontra l-volonta taghha, jew taghjt l-post biex fih din l-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanza ikkagunajt griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' martek Claire Agius kif iccertifika minn Dr. Adam Falzon MD 3425 minn Floriana Health Centre;

3. U nakkuzah talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanza, gewwa residenza 9, L'Amour Toujours, Triq il-Midra, Zurrieq, bi kliem insulentajt, heddidt jew injurjajt lil mara tieghek Claire Agius;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanza bil-hsieb li tellef jew tnaqqas il-gieh ta' Claire Agius weggajtha bi kliem, b'gesti, b'kitba, disinji jew mod'iehor;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanza gibt ruhek b'mod li kont taf jew imissek kont taf li kont ta' fastidju ghal mara tieghek Claire Agius;

6. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi bl-imgieba tieghek ikkagunajt lil mara tieghek, Claire Agius, biza li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra il-propjeta' taghha;

Il-Qorti hija mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna/i offizi, cioe' lill-mara Claire Agius jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuna/i lezi minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat skond kif jipprovdi l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, filwaqt li nesebixxi l-fedina penali ta' l-imsemmi George Cassar nitlob sabiex dan il-kaz jigi investigat skond il-Ligi.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Ra l-att tal-kawza;

Stante ammissjoni l-akkuzi jirriuzltaw pruvati u ghalhekk issib lill-imputat hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu;

Dwar il-piena, wara li semghet lill-kwerelanta tiddikjara illi hija qed tahfer lill-imputat ghal kull buon fini u li dan kien incident uniku kif ukoll illi bhala koppja mizzewga lesti li jfittxu ghajnuna professjonali sabiex isibu soluzzjoni ghall-problemi matrimonjali taghhom u li waqt dan kollu hija gia qed tirrisjedi ghand ommha u boghod mid-dar konjugali;

Wara li rat il-fedina penali kwazi nadifa tal-imputat;

Wara li rat l-artikoloi 86, 221, 229(1)(e), 252, 251A u 251B tal-Kap 9;

Tikkundanna lill-imputat ghal terminu ta’ prigunerija ta’ disa (9) xhur mil-lum liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputat jikkometti rejat iehor punibbli bi prigunerija sa zmien sentejn (2) mil-lum ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9;

Inoltre timponi fuqu ordni ta’ protezzjoni ghas-sigurta ta’ Clare Agius ai termini tal-artikolu 421C tal-Kap 9 ghal perjodu ta’ tlett (3) snin mil-lum;

Il-Qorti spjegat lill-imputat l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza;

Stante li l-prosekuzzjoni ma kellhiex il-kunsens tal-avukat generali sabiex il-kawza tkun trattata u deciza bil-procedura sommarja, tordna li l-atti jintbaghtu lill-avukat generali fi zmien li trid il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------